MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Numru. 825/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Francis Xiberras, bin Felix u Mary Annie nee' Bugeja, imwieled nhar il-21 ta' Mejju, 1950, residenti fil-fond Holy Mary,**
**Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 48150(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Xiberras li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Ottubru, 2008, ghal habta ta' 14:00hrs fl-inhawi ta' Triq Zghawri gewwa raba limiti tal-Munxar, Ghawdex: bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Joseph Spiteri fil-pussess ta'

hwejgu. Bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-istess Joseph Spiteri:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet lil Dr. Carmelo Galea jammetti l-akkuzi ghan-nom tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjjiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hamsin ewro (€50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------